# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2023**

**Kawża Nru: 3739/23**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**vs**

**Anthony Aquilina (K.I. 946648M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' Anthony Aquilina, ta' 74 sena bin Emanuel u Margaret nee Zammit, imwieled Siggiewi nhar l-5 ta' Novembru 1948 u residenti 206, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha u detentur tal-Karta tal-identita' numru 946648M.

> *akkużat meta b'diversi atti magħmulin minnek ukoll jekk fi żminijiet differenti, kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u kienu ġew magħmula*

*b'riżoluzzjoni waħda nhar it-22 ta' Frar 2022 u/jew fil-ġimgħat u/jew ix-xhur preċedenti bħala sid il-kera jew amministratur tal-fond '206, Blk B, Triq Għajn Żejtuna, Mellieħa.'*

1. *Inqast li tirreġistra il-kirja ta' l-imsemmi fond lil Tibor Laszlo ma' l-Awtorita tad-Djar u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3,4 u 4(2) tal-Kapitolu 604*

*Għaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba bir-rispett tordna lill-ħati, sabiex iħallas il-penali skont il-liġi, ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 604 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat l-assenjazzjoni datata 17 ta' Mejju 2023 maħruġa ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1].

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ġunju 2023[2].

Semgħet ix-xhieda ta' Chris Casha[3], rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar u d-dokumenti minnu eżebiti.

Semgħet ukoll ix-xhieda ta' Fleur Muscat[4].

[1] A fol 12 tal-proċess.
[2] Verbal relattiv jinsab a fol 17 tal-proċess.
[3] Xhieda relattiva tibda a fol 18 *et seq* tal-proċess.
[4] Xhieda relattiva tibda a fol 38 tal-proċess.

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2023 fejn il-partijiet ġew infurmati li Tibor Lazlo (l-allegat inkwilin) ma riedx jixhed f'dawn il-proċeduri[5].

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

**Fatti**

Illi din il-kawża titratta allegat nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' kirja privata skond kif rikjest mill-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Matla.

Illi f'dawn il-proċeduri, xehed Chris Casha. Imressaq mill-prosekuzzjoni fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2023, jispjega li huwa jaħdem fi l-Awtorità tad-Djar. Ir-raport inizjali sar mill-allegat inkwilin li rrapporta li l-imputat ma riedx jirrifondi lura d-depożitu mħallas. Ma sid il-post ma saret l-ebda komunikazzjoni. L-allegat inkwilin kien informa li huwa qatt ma daħal jgħix fil-post. In konto-eżami fl-istess seduta jgħid li huma m'għamlux riċerka fuq xi kirjiet oħra tal-imputat. Jerġa jikkonferma li l-inkwilin kien qal li qatt ma daħal fil-fond. In ri-eżami mbagħad jgħid lit-terminu tal-kuntratt kien beda fil-15 ta' Lulju 2021 u kien għal sena. Ir-rapport sar fi Frar tas-sena 2022. Ġiet eżebita dokumentazzjoni.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet ukoll ċertu Fleur Muscat[6]. Tispjega li kienet taħdem bħala aġent u li kellha involviment f'din il-kwistjoni. Tgħid li hija qatt ma ltaqat ma Tibor Laszalo għaliex kien jgħix barra minn Malta u qatt ma ġie hawn. Tgħid li effetivament il-kuntratt ma sarx u qatt ma mar jgħix fil-fond. Il-ħlas sar lill-aġenti u mbagħad għadda lill-imputat.

[5] Verbal relattiv jinsab a fol 27 tal-proċess.
[6] Seduta tal-21 ta' Ġunju 2023.

Illi kif ġie mfisser fir-rijepilogu hawn fuq magħmul l-allegat inkwilin għażel li ma jixhidx u lanqas ma xehdet l-imputat.

Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-aspett legali ta' din il-kwistjoni, din il-Qorti hija tal-istess opinjoni mal-ġurisprudenza li tgħid li dan ir-reat għandu jitqies bħala wieħed li jidħol fih il-prinċipji mħaddna ta' *strict liability*[7].

Illi madanakollu, ġaladarba l-leġislatur għażel li dan it-tip ta' nuqqas (għal dak li għandu x'jaqsam mal-artikolu 22 tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta) għandu jiġi eżaminat fil-qafas tal-kamp kriminali, huma r-regoli tal-istess li għandhom jiġu applikati (għad-differenza per eżempju li kieku dan in-nuqqas kellu jiġi eżaminat fil-kamp tal-liġi amministrattiva). B'hekk hija l-prosekuzzjoni li għandha tipprova dak allegat minnha, u dan lill'hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni[8]. Issa f'dan il-każ, kif din il-Qorti diġà kellha opportunita' teżamina f'numru ta' każijiet simili**,** il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha propju għaliex l-allegat inkwilin ma riedx jixhed**.** Ħafna drabi, bħal f'dan il-każ, l-allegati inkwilini jkunu telqu minn pajjiżna u ma jkunux iridu jkunu parteċipi aktar f'proċeduri bħal dawn.

Illi b'hekk jiġi li din il-Qorti la għandha prova ċerta li l-kopja tal-kuntratt eżebit huwa wieħed awtentiku u wisq anqas, prova ċara li qatt kien hemm inkwilinat. Fin-nuqqas ta' din il-prova, ma seta' qatt jiġi ppruvat li kien hemm l-obbligu tar-reġistrazzjoni ta' xi kirja u b'hekk din il-Qorti ma tistax issib ħtija. B'mod

[7] Fost diversi, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Sammut *et,*** mogħtija nhar is-27 ta' Marzu 2023.
[8] Fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Li Tao,** (App Nru: 28/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar il-15 ta' April 2021.

konkludorju mbagħad, ma jista' qatt jintesa li dak kontenut fir-rapport, mingħajr konferma bil-ġurament tal-allegata "vittma", ftit li xejn għandu valur probatorju[9].

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat mhux ħati u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minn kull piena.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Magistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[9] Fost diversi, Il-Qorti tagħmel referenza għal dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi,** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-24 ta' Ottubru 2011. Issir referenza wkoll għal dak li ġie enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fabio Schembri**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-1 ta' April 2011.